



Brussell, 10 ta' Marzu 2026
(OR. en)

6595/26

LIMITE

CORLX 188
CFSP/PESC 266
RELEX 251
CONOP 5

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL b'appoġġ għat-tisfih tal-kapaċitajiet Afrikani lejn
Afrika ħielsa mill-mini

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/...

ta' ...

b'appoġġ għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet Afrikani lejn Afrika ħielsa mill-mini

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Jenħtieġ li l-Unjoni taħdem biex ikun hemm grad għoli ta' kooperazzjoni fl-oqsma kollha tar-relazzjonijiet internazzjonali, sabiex tippreserva l-paċi, tipprevjeni l-konflitti u ssaħħaħ is-sigurtà internazzjonali, f'konformità mal-għanijiet u l-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.
- (2) Il-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni tal-Użu, il-Kumulazzjoni, il-Produzzjoni u t-Trasferiment ta' Mini kontra l-Persunal u dwar id-Distruzzjoni tagħhom (il-"Konvenzjoni") daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 1999 u tikkostitwixxi l-qafas internazzjonali ċentrali biex jintemmu t-tbatija u l-vittmi kkawżati minn mini kontra l-persunal.
- (3) Fil-15 ta' Diċembru 2016, il-Kunsill Ewropew adotta l-Istrateġija Globali għall-Politika Eстера u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea, u l-appoġġ tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni jikkontribwixxi għal aktar sigurtà tal-bniedem prevista f'dik l-Istrateġija.

- (4) Fl-10 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet tal-Kunsill bit-titolu "Nibnu Ewropa sostenibbli sal-2030 – Progress s'issa u l-passi li jmiss" b'apport għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, adottata min-Nazzjonijiet Uniti, u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha, l-Unjoni appoġġat b'mod konsistenti l-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni permezz ta' serje ta' Deċiżjonijiet tal-Kunsill, inkluż id-Deċiżjonijiet (PESK) 2017/1428¹, (PESK) 2020/905², 2(PESK) 2021/257³ u (PESK) 2025/781⁴.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1428 tal-4 ta' Awwissu 2017 b'apport għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Maputo għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-1997 dwar il-Projbizzjoni tal-Użu, il-Kumulazzjoni, il-Produzzjoni u t-Trasferiment ta' Mini kontra l-Persunal u dwar id-Distruzzjoni tagħhom (ĠU L 204, 5.8.2017, p. 101, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2017/1428/oj>).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/905 tad-29 ta' Ġunju 2020 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/1428 b'apport għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Maputo għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-1997 dwar il-Projbizzjoni tal-Użu, il-Kumulazzjoni, il-Produzzjoni u t-Trasferiment ta' Mini kontra l-Persunal u dwar id-Distruzzjoni tagħhom (ĠU L 207, 30.6.2020, p. 35, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2020/905/oj>).

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/257 tat-18 ta' Frar 2021 b'apport għall-Pjan ta' Azzjoni ta' Oslo għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-1997 dwar il-Projbizzjoni tal-Użu, il-Kumulazzjoni, il-Produzzjoni u t-Trasferiment ta' Mini kontra l-Persunal u dwar id-Distruzzjoni tagħhom (ĠU L 58, 19.2.2021, p. 41, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2021/257/oj>).

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2025/781 tal-14 ta' April 2025 b'apport għall-Pjan ta' Azzjoni ta' Siem Reap-Angkor għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-1997 fuq il-Projbizzjoni tal-Użu, il-Kumulazzjoni, il-Produzzjoni u t-Trasferiment ta' Mini Kontra l-Persunal u fuq id-Distruzzjoni tagħhom (ĠU L, 2025/781, 15.4.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/781/oj>).

- (5) Fis-27 ta' Mejju 2024, il-Kunsill adotta konklużjonijiet tal-Kunsill dwar pożizzjoni tal-UE dwar it-tisħiħ tal-projbizzjoni kontra l-mini kontra l-persunal bil-ħsieb tal-Ħames Konferenza ta' Reviżjoni tal-Konvenzjoni.
- (6) Fil-Ħames Konferenza ta' Reviżjoni tal-Konvenzjoni, li saret f' Siem Reap-Angkor, il-Kambodja, fl-2024, l-Istati Parti għall-Konvenzjoni adottaw il-Pjan ta' Azzjoni ta' Siem Reap-Angkor 2025-2029, li jipprovdi pjan direzzjonali għall-implimentazzjoni u l-universalizzazzjoni tal-Konvenzjoni filwaqt li jibni fuq il-kisbiet ta' Pjanijiet ta' Azzjoni preċedenti.
- (7) Fl-14 ta' April 2025, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2025/781b' appoġġ għall-Pjan ta' Azzjoni ta' Siem Reap-Angkor 2025-2029,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. L-Unjoni għandha tappoġġa lill-Istati Parti mill-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni tal-Użu, il-Kumulazzjoni, il-Produzzjoni u t-Trasferiment ta' Mini kontra l-Persunal u dwar id-Distruzzjoni tagħhom ("il-Konvenzjoni") u li huma affettwati mill-mini fl-Afrika fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet nazzjonali għat-tneħħija tal-mini u biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni filwaqt li jilħqu l-objettivi tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. L-Unjoni għandha timplimenta dak l-appoġġ permezz ta' azzjoni operazzjonali.
2. L-objettiv tal-azzjoni operazzjonali tal-Unjoni għandu jkun li tikkontribwixxi għas-sigurtà tal-bniedem billi tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni, f'konformità mal-objettivi tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Siem Reap-Angkor 2025-2029 u tal-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà.
3. Deskrizzjoni dettaljata tal-azzjoni operazzjonali msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu tinsab fl-Anness.

Artikolu 2

Sabiex jinkiseb l-objettiv tal-azzjoni operazzjonali tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 1(2), l-Unjoni għandha tappoġġa l-objettivi speċifiċi li ġejjin:

- (a) It-tisħiħ tal-isforzi tal-Istati Parti mill-Konvenzjoni fl-Afrika biex jiġu ssodisfati l-obbligi tagħhom għat-tneħħija tal-mini skont l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni permezz tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet;
- (b) il-promozzjoni tal-iskambju ta' għarfien kompetenza esperta relatati mal-implimentazzjoni tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni;

- (c) il-wiri tal-impenn tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha għall-objettivi tal-Konvenzjoni u l-assigurazzjoni ta' viżibbiltà xierqa ta' dak l-impenn.

Artikolu 3

1. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli") għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
2. L-implimentazzjoni teknika tal-proġetti relatati mal-objettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 2 għandha tiġi fdata lill-Istitut tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Riċerka dwar id-Diżarm (UNIDIR) fi sħubija mal-Mines Advisory Group .
3. L-UNIDIR għandu jimplimenta l-proġetti relatati mal-objettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 2 taħt ir-responsabbiltà tar-Rappreżentant Għoli. Għal dak il-għan, ir-Rappreżentant Għoli għandu jidħol fl-arranġamenti meħtieġa mal-UNIDIR.

Artikolu 4

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-azzjoni operazzjonali msemmija fl-Artikolu 1 għandu jkun ta' EUR 3 000 000,36.
2. L-infiq iffinanzjat mill-ammont ta' referenza stabbilit fil-paragrafu 1 għandu jkun amministrat f'konformità mar-regoli u l-proċeduri applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.
3. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-amministrazzjoni korretta tal-infiq iffinanzjat insemmi fil-paragrafu 2. Għal dak il-għan, hija għandha tikkonkludi l-ftehim neċessarju mal-UNIDIR. Dak il-ftehim għandu jstipula li l-UNIDIR jiżgura identifikazzjoni u viżibbiltà tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni li huma ekwivalenti għad-daqs ta' dik il-kontribuzzjoni.
4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel hilita biex tikkonkludi l-ftehim insemmi fil-paragrafu 3 mill-aktar fis possibbli wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Hija għandha tinforma lill-Kunsill bi kwalunkwe diffikultà f'dak il-proċess u bid-data tal-konklużjoni tal-ftehim.
5. L-UNIDIR għandu jimplementa l-azzjoni operazzjonali msemmija fl-Artikolu 1 f'konformità mad-Deċiżjoni dwar it-tisħiħ tal-governanza u t-trasparenza finanzjarja fi ħdan l-Unità ta' Appoġġ għall-Implimentazzjoni, meħuda fl-Erbatax-il Laqgħa tal-Istati Parti mill-Konvenzjoni fl-2015. L-UNIDIR għandu jipprovdi, fost l-oħrajn, rappurtar, rapporti deskrittivi u trimestrali, kif ukoll qafas loġiku u matriċi ta' attivitajiet kif stabbiliti fl-Anness.

Artikolu 5

1. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jirrapporta lura lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni abbażi ta' rapporti regolari mħejjija mill-UNIDIR. Dawk ir-rapporti għandhom jiffurmaw il-bażi għal evalwazzjoni li għandha titwettaq mill-Kunsill.
2. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi informazzjoni lill-Kunsill dwar l-aspetti finanzjarji tal-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 6

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.
2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi 36 xahar wara d-data tal-konklużjoni tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 4(3) jew sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ tagħha jekk l-ebda ftehim ma jkun ġie konkluż f'dak il-perjodu.

Magħmul fi..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
